# Salva n-negozju:
# *leqaf installa*
# *R-404A / R-507A!*



# X'INHI L-URĠENZA LI TAĠIXXI?

**Il-fażi l-kbira tal-2018 għat-tnaqqis gradwali tal-użu tal-HFC u l-limitu ta' 2500 tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali (GWP) fl-2020 ma jħallulekx għażla:**




**Jekk trid issalva n-negozju tiegħek, trid tieqaf tinstalla R-404A / R-507A – ISSA!**




Mill-2018 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-Gass F tal-UE [UE 517/2014] jimponi tnaqqis kbir fil-kwantitajiet disponibbli tal-HFC fl-UE.




Din l-iskema ta' tnaqqis, magħrufa bħala t-tnaqqis gradwali tal-HFC, hija bbażata fuq sistema ta' kwota. Il-kwoti huma espressi f'ekwivalenti għal $CO_2$.



Iktar ma jkun għoli l-Potenzjal ta' Tisħin Globali ta' HFC, iktar ma tkun għolja l-kwantità ta' ekwivalenti għal $CO_2$, li jirrappreżenta 1kg ta' refriġerant.




Għalhekk, it-tnaqqis gradwali tal-HFC jolqot l-iktar lill-HFC li għandhom GWP għoli, bħal R-404A u R-507A; u jekk il-konsum ta' dawn l-HFC ma jonqosx malajr, l-HFC l-oħrajn kollha, inkluż it-taħlitiet li fihom l-HFC, se jbatu b'riżultat ta' dan.

*It-tnaqqis gradwali ma jikkonċernax HFO puri, $CO_2$, idrokarburi, ammonijaka, HFC riġenerati jew riċiklati, eċċ.*

Flimkien mal-fażijiet il-kbar fl-2018 u fl-2021 tat-tnaqqis gradwali tal-HFC, mill-2020 ir-Regolament dwar il-Gass F tal-UE jipprojbixxi l-użu tal-HFC li għandhom GWP ≥ 2500 fit-tagħmir il-ġdid tar-refriġerazzjoni u wkoll għas-servizz u l-manteniment tat-tagħmir tar-refriġerazzjoni b'ċarġ ta' 40T ta' ekwivalenti għal $CO_2$ jew iktar (= madwar 10 kg ta' R-404A / R-507A).

*L-unika eċċezzjoni: HFC riċiklati jew riġenerati – anke jekk għandhom GWP > 2500 – jistgħu jkomplu jintużaw sal-2030.*

Mill-2022, l-HFC li għandhom GWP ≥ 150 se jkunu pprojbiti fis-sistemi ta' refriġerazzjoni multipack ġodda, kummerċjali u ċentralizzati > 40kW (ħlief ċerti tipi ta' kaskati) u f'refriġeraturi kummerċjali u friżi kummerċjali awtonomi.

# X'INHUMA R-RISKJI JEKK MA TITTEĦIDX AZZJONI?

Impatt fuq il-prezzijiet: Stħarriġ li sar mill-Kummissjoni Ewropea juri żieda drammatika fil-prezzijiet tal-HFC mill-bidu tal-2017 u din ix-xejra mistennija li tkompli.

*Il-prezzijiet għal R-404A żdiedu b' > 500% minn Jannar 2017*




Nuqqas immedjat jew saħansitra nuqqas ta' disponibbiltà ta' HFC li għandhom GWP għoli bħal R-404A u R-507A iżda wkoll ta' refriġeranti oħrajn li fihom l-HFC, jekk ma titteħidx azzjoni fuq R-404A u R-507A.

## X'TISTA' TAGĦMEL?




- Ieqaf uża R-404A / R507A fit-tagħmir il-ġdid
- Immodifika t-tagħmir eżistenti li fih R-404A / R507A biex tnaqqas il-GWP tar-refriġeranti meta s-sistemi jkollhom it-tendenza li jnixxu u/jew xi nuqqas ieħor
- Naqqas it-tnixxija
- Naqqas il-kwantità ta' refriġerant għal kull sistema kemm jista' jkun possibbli
- Irkupra, irriċikla u rriġenera r-refriġeranti

*Iktar ma jkun għoli l-GWP tar-refriġerant, iktar mhu se jispiċċa taħt pressjoni fil-fażi tat-tnaqqis gradwali tal-HFC, u probabbilment iwassal għal żidiet fil-prezzijiet u nuqqasijiet potenzjali.*

# X'INHUMA L-ALTERNATTIVI GĦAL SISTEMTI LI JUŻAW R-404A / R507A?

Jeżistu diversi alternattivi li jissostitwixxu R-404A u R507A fis-sistemi l-ġodda u dawk eżistenti. Madankollu, il-karatteristiċi tal-alternattivi bħall-kapaċità volumetrika ta' refriġerazzjoni, il-livell tal-pressjoni, il-potenzjal ta' fjammabbiltà, it-tossiċità, eċċ., jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti mill-predeċessuri tagħhom. Għalhekk, dejjem huwa importanti li tivverifika d-disponibbiltà tal-komponenti u l-approvazzjoni tal-manifattur tal-kompressur.

Is-sikurezza hija ħafna iktar importanti minn qatt qabel għaliex ħafna mill-alternattivi ta' R-404A u R-507A huma fjammabbli.

| KATEGORIJA | KLASSIFIKAZZJONI |
|---|---|
| A3 | Fjammabbli ħafna |
| A2 | Fjammabbli |
| A2L | Ftit fjammabbli |
| A1 | Mhux fjammabbli |

*Ħafna alternattivi bħalissa għadhom qed jiġu żviluppati u se jsiru disponibbli fuq livell kummerċjali iktar tard. Dan il-fuljett għalhekk se jiġi aġġornat regolarment u l-installaturi huma mistiedna jistabbilixxu kuntatt mal-fornituri tagħhom għall-iktar informazzjoni aġġornata.*

## XI JFISSER DAN?

Differenza ewlenija bejn il-kategoriji hija l-limitu l-baxx ta' fjammabbiltà (LFL) tar-refriġerant. Pereżempju, permezz ta' refriġerant A3 bħal R-290, l-LFL (f'kg/m3) huwa kważi 8 darbiet iktar baxx minn wieħed li juża l-gass A2L. Differenza oħra hija l-veloċità ta' kemm jinħaraq malajr li hija ħafna iktar baxxa bir-refriġeranti A2L milli A3. F'termini prattiċi jfisser li pereżempju fi spazji magħluqa huma possibbli daqsijiet ta' ċarġ ħafna iktar għoljin bir-refriġeranti A2L milli A3.

*Dejjem ivverifika l-istandards rilevanti, il-kodiċijiet tal-bini u l-istruzzjonijiet tal-installazzjoni mill-manifatturi meta tuża refriġeranti fjammabbli.*

# X'REFRIĠERANT GĦANDU JINTUŻA FIS-SISTEMI L-ĠODDA?




- Il-klijent tiegħek jixtieq sistema ġdida?
- Is-sistema eżistenti hija qadima wisq biex tiġi modifikata u/jew tinsab fi stat ħażin?

→ **Mela trid tiġi installata sistema ġdida**



*Dejjem żgura l-operat sikur u effiċjenti fl-enerġija tas-sistema.*

APPLIKAZZJONI:
Sistemi ta' refriġerazzjoni multipack ċentralizzata għall-użu kummerċjali b'kapaċità nominali ta' 40kW jew iktar

| | GWP<150 | GWP<1500 |
|---|---|---|
| Temperatura medja u baxxa, espansjoni diretta | R-744 ($CO_2$) | |
| Ċirkwit refriġeranti primarju (MT) tal-kaskati | R-290<br>R-1270<br>R-454C<br>R-455A<br>R-744 ($CO_2$)<br>R-1234yf<br>R-1234ze(E) | R-32<br>R-134a<br>R-407H<br>R-448A<br>R-449A<br>R-450A<br>R-513A<br>R-515A |
| Ċirkwit refriġeranti primarju (LT) tal-kaskati | R-290<br>R-1270<br>R-744 ($CO_2$)<br>R-454C<br>R-455A | |

Fjammabbli (A3) | Ftit fjammabbli (A2L) | Mhux fjammabbli (A1)



APPLIKAZZJONI:
Refriġeraturi u friżi kummerċjali

| | GWP<150 |
|---|---|
| Temperatura medja | R-290<br>R-1270<br>R-454C<br>R-455A<br>R-744 ($CO_2$)<br>R-1234yf<br>R-1234ze(E) |
| Temperatura baxxa | R-290<br>R-1270<br>R-744 ($CO_2$)<br>R-454C<br>R-455A |

APPLIKAZZJONI:
Unitajiet ta' kondensazzjoni u multipacks b'kapaċità nominali inqas minn 40kW

| | GWP<150 | GWP <1500 | GWP<2500 |
|---|---|---|---|
| Temperatura medja u baxxa | R-454C<br>R-455A<br>R-744 ($CO_2$) | R-32<br>R-134a<br>R-407H<br>R-448A<br>R-449A<br>R-454A<br>R-454B | R-407A<br>R-407F<br>R-410A<br>R-452A |

Fjammabbli (A3) | Ftit fjammabbli (A2L) | Mhux fjammabbli (A1)

# META GĦANDHA SSIR MODIFIKA U LIEMA REFRIĠERANT GĦANDU JINTUŻA?

- Is-sistema tiegħek għandha tendenza li tnixxi u/jew nuqqasijiet oħrajn iżda s'issa għadha ma waslitx fl-aħħar tal-utilità tagħha?
- Il-klijent tiegħek ma jixtieqx jinvesti f'sistema ġdida għalissa?

→**Mela għandek tikkunsidra modifika**

*Dejjem kun żgur li r-refriġeranti jiġu rkuprati għar-riġenerazzjoni meta twettaq il-modifiki.*

**Il-kriterji li jridu jiġu kkunsidrati meta tagħżel refriġerant għal modifika ta' sistema R-404A / R-507A eżistenti**

- Il-kapaċità ma tridx tkun sostanzjalment iktar baxxa minn dik ta' mar-refriġerant oriġinali
- Il-livell ta' pressjoni ma jridx ikun sostanzjalment ogħla
- Refriġeranti li huma ftit fjammabbli, fjammabbli u tossiċi ħafna mhumiex adattati għall-modifiki ta' sistemi eżistenti
- It-temperatura tar-rilaxx, il-fluss tal-massa tar-refriġerant, ir-relazzjoni bejn il-pressjoni u t-temperatura, il-kompatibbiltà maż-żjut u mal-elastomeri, eċċ., f'ħafna mill-każijiet ivarjaw minn R-404A / R507A. Dejjem ivverifika mal-fornitur tal-komponenti, speċjalment il-kompressuri, għall-approvazzjoni u l-operat affidabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **GWP < 1500** | R-448A, R-449A, R-407H | **Temperatura Medja u Baxxa** |
| **GWP < 2500** | R-407A, R-407F, R-452A | |
| | Mhux fjammabbli (A1) | |



# KELMTEJN DWAR L-IRKUPRU TAR-REFRIĠERANTI

Ir-refriġeranti li huma riċiklati u riġenerati fl-UE ma jaqgħux taħt it-tnaqqis gradwali tal-HFC. Għalhekk, jistgħu jnaqqsu l-pressjoni minn fuq it-tnaqqis gradwali billi jipprovdu kwantitajiet addizzjonali ta' refriġeranti lis-suq.

**Kun żgur li ma titlifx din l-opportunità!**

*Mill-2030, l-użu tar-refriġeranti riċiklati u riġenerati li għandhom GWP > 2500 se jkun ipprojbit fit-tagħmir tar-refriġerazzjoni li għandu daqs ta' ċarġ ta' 40T ta' ekwivalenti għal $CO_2$ jew iktar (= madwar 10 kg ta' R-404A / R-507A).*

**Irkupra u rriġenera r-refriġeranti fl-aħħar tal-utilità tagħhom jew meta timmodifika s-sistemi sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw b'mod sikur.**

*Il-ventilazzjoni tar-refriġerant hija pprojbita skont ir-Regolament tal-Gass F u soġġett għall-multi.*



# AĠIXXI ISSA ...




## ... u ieqaf installa R-404A / R507A!

L-għażla tar-refriġerant it-tajjeb hija kruċjali għan-negozju tiegħek biex jissopravivi u jikber.




Din hija r-raġuni għaliex l-assoċjazzjonijiet tal-industrija Ewropea AREA, EPEE u EFCTC ingħaqdu flimkien biex jiġbdu l-attenzjoni tas-suq u flimkien jikkomunikaw dwar l-urġenza biex jiefqu jintużaw R-404A / R507A.



AREA hija l-assoċjazzjoni Ewropea tal-kuntratturi tar-refriġerazzjoni, tal-kundizzjonar tal-arja u tal-pompi tas-sħana. Stabbilita fl-1989, AREA hija l-vuċi tal-interessi ta' 25 assoċjazzjoni nazzjonali minn 22 pajjiż li jirrappreżentaw 13,000 kumpanija li jimpjegaw 110,000 persuna u li flimkien għandhom fatturat annwali li jqarreb it-EUR 23 biljun.

**www.area-eur.be**

---

ASERCOM, l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi Ewropej tal-Komponenti hija l-pjattaforma li tindirizza suġġetti xjentifiċi u tekniċi u l-isfidi tagħhom, tippromwovi l-istandards għall-klassifika tal-prestazzjoni, il-metodi tal-ittestjar u s-sikurezza tal-prodotti, tiffoka fuq protezzjoni ambjentali mtejba, taqdi lill-industrija tar-refriġerazzjoni u tal-kundizzjonar tal-arja u lill-klijenti tagħha.

**www.asercom.org**

---

Tirrappreżenta l-Manifatturi Ewropej tal-Fluworokarbonju u tal-Eżafluworur tal-Kubrit.

**www.fluorocarbons.org**

---

Is-Sħubija Ewropea għall-Enerġija u l-Ambjent (EPEE) tirrappreżenta l-interessi tal-industrija tar-refriġerazzjoni, tal-kundizzjonar tal-arja u tal-pompi tas-sħana fl-Ewropa. Stabbilita fis-sena 2000, is-sħubija tal-EPEE hija magħmula minn 47 kumpanija membru, assoċjazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali mill-Ewropa, mill-USA u mill-Asja, li flimkien jimpjegaw iktar minn 200,000 persuna fl-Ewropa u jirrealizzaw fatturat ta' iktar minn EUR 30 biljun.

**www.epeeglobal.org**



Verżjoni – Frar 2018

AREA

ASERCOM
ASSOCIATION OF EUROPEAN REFRIGERATION
COMPONENT MANUFACTURERS

EFCTC

EPEE
The voice of the heating,
cooling and refrigeration industry